MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1494/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Evan Cassar (K.I. 257166M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf tliet mija u hmistax-il ewro w erbgha’ u sittin centezmu (€1315.64) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 475726 ghas-servizz telefoniku cellulari u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young. u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------